*TIBDIL FL-ISEM TA' PERSUNA ADOTTATA*

*ART 253(2) TAL-KAP 16*

*ATT XXIII TAL-2017*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Jannar 2018**

**Kawza Numru : 33**
**Rikors Guramentat Numru : 931/2017/LSO**

**Ionut Jason Mifsud (K.I. 0603398(M))**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Ionut Jason Mifsud detentur tal-Karta tal-Identita' numru 0603398(M) datat 11 ta’ Ottubru 2017 fejn espona: -

**Raguni tat-Talba:**

1. Illi kif premess, fir-Registru tal-Persuni Adottati l-esponent inghata l-isem "Ionut Jason" bhala l-isem li bih kellu jissejjah, izda, ilu hajtu kollha juza l-isem "**Ion**" bhala l-isem li bih jigi msejjah u huwa maghruf u konsistentament imsejjah u maghruf bhala "Ion" anke mill-familja tieghu, kif ukoll minn qrabatu, shabu, konoxxenzi u kollegi tieghu;

2. Illi l-esponenti ghandu l-interess li r-Registrazzjoni tal-Adozzjoni tieghu fir-Registru tal-Persuni Adottati kif ukoll l-Atti l-ohrajn kollha li huwa jista' jkollu fil-futur, ikunu jirriflettu l-isem li hu u l-familja tieghu konsistentament juzaw bhala l-isem li bih jissejjah u hu maghruf u cioe' l-isem "Ion" minflok "Ionut Jason";

3. Illi ghalhekk l-esponenti qieghed jipprocedi sabiex l-isem "Ion" jigi registrat fuq ir-Registrazzjoni tal-Adozzjoni tieghu fir-Registru tal-Persuni Adottati minflok l-isem "Ionut Jason" li jidher annotat f’ kolonna numru tlieta (3) intestata "Isem u Kunjom tal-Persuna Adottata", u dana *a tenur* **tal-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili, (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).**

**Talbiet:**

Ghaldaqstant jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex -

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti huwa konsistentament imsejjah u maghruf bhala "Ion" u mhux bhala "Ionut Jason";

2. Tordna illi l-isem "Ion" jigi registrat fuq ir-Registrazzjoni tal-Adozzjoni tal-esponenti fir-Registru tal-Persuni Adottati minflok l-isem "Ionut Jason" li jidher annotat f'kolonna numru tlieta (3) intestata "Isem u Kunjom tal-Persuna Adottata";

3. Tordna illi l-Atti l-ohrajn kollha li huwa jista' jkollu fil-futur ikunu jirriflettu l-isem li hu u l-familja tieghu konsistentament juzaw bhala l-isem li bih jissejjah u hu maghruf bih u cioe` "Ion" minflok l-isem "Ionut Jason".

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta' Novembru 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 10 ta' Novembru 2017 (fol 20) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament ukoll, l-esponenti teccepixxi illi l-attur ghandu rimedju ordinarju iehor sabiex jitlob korrezzjoni ta' ismu li huwa mnizzel fir-Registru ta' Persuni Adottati bhala l-isem jew l-ismijiet moghtija u l-isem jew l-ismijiet li huwa ghandu jigi msejjah bihom. Dan ir-rimedju huwa stipulat f' **Artikolu 257(a)** tal-Kodici Civili li jippermetti korrezzjoni ta' isem moghti u/jew isem li bih persuna ghandha tissejjah li tista' ssir fuq ordni bil-miktub mill-Imhallef irtirat jew il-Magistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tiddikjara li mhijiex edotta mill-fatti kif prezentati fir-rikors guramentat;

4. Illi **Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili** jistabillixxi illi:

*"(2) Kull persuna tista' taghmel talba gudizzjarja ghar-registrazzjoni tal-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun uzat jew tkun uzat ghaliha l-familja taghha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejha, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv jew li huma mnizzla fir-Registru ta' Persuni Adottati bhala l-*

*isem jew l-ismijiet moghtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha:*

*Izda, t-talba gudizzjarja msemmija f'dan is-subartikolu m'ghandhix issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun uzat jew tkun uzat ghaliha l-familja taghha jkunu biss verzjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv;"*

5. Illi ghalkemm fil-fehma tal-esponenti, l-isem ta' 'Ion' huwa effettivament il-verzjoni imqassra tal-isem 'lonut', fl-istess waqt l-esponenti tirrikonoxxi illi isem l-attur huwa kompost minn zewg ismijiet distinti u cioe` 'lonut Jason'. Ghaldaqstant, l-esponenti hija tal-umli fehma illi r-ragunament applikat minn din l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Pia *sive* Pia Darmanin (Kl. 64489M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku,** deciza nhar il-14 ta' Lulju 2016, ghandu japplika wkoll fil-kaz odjern:

*"Issa, fil-kaz in ezami, l-bidla mitluba mir-rikorrenti mhix meqjusa biss abbrevjazzjoni, izda, hi meqjusa bhala bidla fl-isem stante li l-isem imnizzel fuq l-att tat-twelid taghha, kien "Maria Pia", li jikkonsisti f'zewg ismijiet distinti. It-talba taghha hija li isimha jkun biss kif kienet dejjem maghrufa bhala "Pia" biss. Ghalhekk, dan jikkonsisti f'bidla fl-isem."*

6. Illi *stante* s-suespost, l-esponenti tiddikjara ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni, hi tirrimetti ruhha ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli

Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi;

7. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti l-esponent u kwindi hija ma ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza odjerna;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 28 ta' Novembru 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat, li nfurmat IiIl-Qorti li d-difensur tal-attur kellha titlaq mill-Qorti minhabba emergenza. Il-Qorti rat ir-risposta tal-intimat u ordnat lir-rikorrent sabiex jiddikjara b'nota fi zmien ghaxart ijiem minn dan il-verbal jekk fadallux provi x'jipproduci, u fin-nuqqas jiddikjara li ghalaq il-provi. Dr Ellul iddikjarat li l-kawza setghet tibqa' ghas-sentenza fuq il-provi li hemm, izda insistiet dwar l-eccezzjoni taghha dwar il-kap tal-ispejjez. Il-kawza giet differita ghat-30 ta' Jannar 2018 fid-9:30a.m. ghall-sentenza in difett ta' ostakolu.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 et *sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fl-20 ta' Ottubru 2017 (fol 18) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi t-talba fir-rikors promotur hija msejsa fuq l-artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta gie emmendat recentement fis-sens li gew mizjuda l-kliem "*or an entry in the Adoption Persons Register*" .[1]

Kwindi t-talba odjerna sabiex issir korrezzjoni fir-Registru ta' Persuni Adottati, saret ammissibli *ai termini* tal-artikolu 253(2) tal-Kap 16. Illi b'referenza ghat-tieni eccezzjoni sollevata, ma hemm xejn li jiddivjeta li talba simili tigi deciza minn din il-Qorti.

Illi r-rikorrent qed jitlob li ismu kif registrat fir-Registru ta' Persuni Adottati, jigi korrett billi jigi mnizzel bhala "Ion" u mhux "Ionut Jason".

Illi fil-mertu, r-rikorrent jehtieg jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kien konsistentement maghruf bhala "Ion". Ionut Jason Mifsud xehed permezz ta' affidavit fejn qal li

[1] Att XXIII.2017.52

minn tfulitu, l-hbieb u l-familjari dejjem sejhulu “Ion” ghalkemm fil-karta tal-identita’ u fic-certifikat tal-maghmudija huwa mnizzel bhala “Ionut Jason”.

Francis Mifsud, missier ir-rikorrent, xehed permezz ta’ affidavit, u qal li minn meta addotaw lil binhom ir-rikorrent, hu u martu, dejjem sejhulu “Ion”, u anke l-hbieb dejjem sejhulu “Ion”. Dan gie wkoll kkorroborat minn Craig Joseph Mifsud, kugin tar-rikorrent permezz ta’ affidavit tieghu.

Fid-dawl ta’ dawn l-affidavits, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent irnexxielu jipprova li huwa konsistentement maghruf bhala “Ion” u mhux “Ionut Jason”.

Referibbilment ghat-tieni eccezzjoni tad-Direttur intimat, din il-Qorti ma taqbilx li r-rimedju eccepit huwa applikabbli ghal kaz in ezami. It-talba tikkoncerna tibdil fl-isem ta' persuna addottata fir-Registru ta' Persuni Addottati. Qabel l-emmenda succitata, tali rimedju kien jezisti biss f'kaz ta' zball fid-Digriet ta' adozzjoni **(art.127(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta)** jew f'kazijiet fejn ikun sar tibdil ta' generu rifless f'att tal-istat civili skont emmendi introdotti bl-Att XX tal-2015. Fiz-zewg istanzi, r-rikors isir fil-Qorti Civili ta' Gurisdizzjoni Volontarja. Isegwi li hija din il-Qorti li hija kompetenti li taghti r-rimedju mitlub b'effett tal-artikolu 257(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif illum emendat.

Ikkonsidrat li fil-kaz in ezami, l-bidla mitluba mir-rikorrent m'ghandhiex tigi meqjusa bhala mera abbrevjazzjoni, izda bhala bidla fl-isem, *stante* li l-isem kif registrat kien “Ionut

Jason", li jikkonsisti f'zewg ismijiet distinti. It-talba tar-rikorrent hija li ismu jkun biss "Ion". Taghmel referenza ghas-sentenza taghha stess fil-kaz citat mill-intimat **Maria Pia *sive* Pia Darmanin vs Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza nhar il-14 ta' Lulju 2016, u tapplika l-istess ragunament.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-provi prodotti, tqis it-talba tar-rikorrenti bhala gustifikata kif trid il-Ligi.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Izda, rigward il-kap tal-ispejjez, ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat, f'dak imnizzel fic-certifikat tal-adozzjoni Ghalhekk, taqbel mal-intimat li m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' din il-kawza.

Referibbilment ghat-tielet talba, u ghal dak mitlub ghal atti ohrajn, din mhijiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 billi l-atti l-ohrajn kollha li jista' jkollu fil-futur, ma gewx indikati bin-numru u s-snin relattivi, kif rikjest skont l-artikolu 253(3) sucitat. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta'din it-talba.

## **III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet kif spjegat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent ilu konsistentement maghruf bl-isem "Ion".

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi l-isem "Ion" jigi registrat fuq ir-Registrazzjoni tal-Adozzjoni tal-esponenti fir-Registru tal-Persuni Adottati minflok l-isem "Ionut Jason" li jidher annotat f' kolonna numru tlieta (3) intestata "Isem u Kunjom tal-Persuna Adottata";

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, issir id-debita korrezzjoni hawn fuq ordnata.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Jannar 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Jannar 2018**